MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Numru. 471/2000

Il-Pulizija
Spettur Martin Bayliss
vs
Boris Formosa

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat :

(1) talli nhar is-Sibt u cioe' s-27 ta' Mejju, 2000, fis-sieghat bikrin ta' filghodu u cioe' fis-1.30a.m. fit-Triq Reggie Miller, fil-Gzira ikkommetta serq ta' "bricks" li jintuzaw sabiex jigu maghmula l-bankini fit-toroq u liema "bricks" jiswew aktar minn LM10 (ghaxar Liri Maltin), izda anqas minn LM100 (mitt Liri Maltin) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u kif ukoll tal-Kunsill Lokali tal-Gzira, u liema serq huwa aggravat bil-hin u dan kollu ai termini ta' l-Artikolu 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jwe akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahhal sabiex ibieghhom jew imexxihom u dan ai termini ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija illi tikkonfiska l-vettura Peugeot li ghandha n-numru tar-registrazzjoni JAH 168 ghaf-favur tal-Gvern ta' Malta, fejn instabu gewwa fiha l-affarijiet misruqa;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005. Ghandu jinghad illi l-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi kollha skond il-Ligi ta' din l-ammissjoni u taghtu zmien xieraq sabiex jerga jikkonsidra l-posizzjoni tieghu u ipposponiet il-kawza ghal dan il-ghan. Meta regghet issejjhet il-kawza l-imputat rega' deher u rega' sostna li ried jirregistra ammissjoni.

Il-Qorti rat illi l-imputat, meta gie investigat mill-pulizija, irrilaxxja stqarrija fejn ammetta illi kien seraq "bricks" li kienu jappartjenu lill-Gvern ta' Malta. Huwa ammetta li kien seraq xi erba' jew hames "bricks" mill-Gzira u qal illi dawn il-"bricks" kien ser juzhom ghall-garaxx tieghu. Hu iddikjara illi kien iddispjacih ferm ta' dak illi kien gara.

Illi giet esebita l-fedina penali tal-imputat illi hija netta.

Illi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi issib l-istess imputat hati ta' l-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (f), 270 u 281 tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni u mill-ewwel ikkopera mal-pulizija u

ammetta fl-istqarrija illi irrilaxxalhom, kif ukoll il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta u ghalhekk tara illi piena karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut u wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberah, taghmel dan bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------